REVOKA TA' MANDAT

DIGRIET PROVIZORJU BISS

DEZERZJONI

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Guramentat Numru : 749/2016/LSO**

**Wara l-mandat ta' inibizzjoni 1185/2013 fl-ismijiet :**

**Alfred Camilleri K.I 723049(M) u Consolata Camilleri K.1.1069346(M)**

**vs**

**Francis Borg, negozjant, iben il-mejjet Angelo u l-mejta Moira**

***nee`* Delicata, imwieled u residenti Birkirkara K.I. 0163453(M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Francis Borg K.I. 163453(M) ghar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni 1185/2013, datat 29 ta' Awwissu 2016 fejn espona: -

1. Illi fit-8 ta' Awwisu 2013, il-konjugi Alfred u Consolata Camilleri pprezentaw mandat ta' inibizzjoni fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti zzomm lill-esponent milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta` u b'mod pArtikolari bicca art fil-kontrada maghrufa bhala "il-Wied ta' Ghajn Zejtun" fil-limiti tal-Mellieha, li ghandha kejl ta' cirka 1,430 metri kwadri kif ahjar deskritta fl-istess mandat (kopja tal-mandat anness **Dok A**).

2. Illi dan il-mandat kawtelatorju gie provvizorjament milqugh permezz ta' digriet datat 8 ta' Awwissu 2013 (kopja tad-digriet anness **Dok B**).

3. Illi madanakollu, meta gie appuntat il-mandat, il-konjugi Camilleri ma wrew ebda interess, u lanqas biss innotifikaw lill-esponent bl-istess mandat skont **l-Artikolu 875(1) tal-Kap 12,** u dan kif jidher mill-verbal tat-30 ta' Settembru 2013, anness **Dok C**.

4. Illi tant hu hekk, li fl-istess seduta tat-30 ta' Settembru 2013, minhabba n-nuqqas ta' interess da parti tal-konjugi Camilleri u d-diversi nuqqasijiet taghhom, din il-Qorti ddifferiet il-mandat *sine die*, riappuntabbli biss fuq rikors tal-konjugi Camilleri li fiha jispjegaw x'passi hadu sabiex jigu rettifikat n-nuqqasijiet taghhom.

5. Illi minkejja dan, il-konjugi Camilleri baqghu ghal kollox disinteressati u inadempjenti, tant li l-mandat gie dikjarat dezert fl-1 ta' April 2014 skont it-terminu tal-Artikolu 964 tal-Kap 12, u dan kif jidher mill-anness **Dok D**.

6. Illi madanakollu u minkejja s-suespost, jirrizulta li l-esponent ghadu inibit minghajr ebda raguni valida abbazi ta' digriet provvizjorju skont l-Artikolu 875(2) tal-Kap 12.

7. Illi dan huwa ferm ta' pregudizzju lill-esponent, meta l-konjugi Camilleri ma wrew ebda interess fl-istess mandat, liema mandat effettivament qatt ma gie dekretat finalment kif trid il-ligi *entro* t-terminu perentorju tal-Artikolu 875(3) tal-Kap 12 u dan biss minhabba n-nuqqas ta' interess tal-konjugi Camilleri stess, u meta lanqas biss gew pruvati r-rekwiziti tal-ligi tal-Artikolu 873(2) tal-Kap 12 cioe` li l-mandat huwa necessarju u li l-konjugi Camilleri ghandhom dritt prima facie. Illi oltre hekk, il-mandat jonqos milli jindika s-somma tal-kreditu jew pretensjoni tal-konjugi Camilleri, kif mitlub mill-Artikolu 832 tal-Kap 12.

8. Illi ghalhekk jissussistu c-cirkostanzi kollha skont il-ligi sabiex jintalab ir-revoka ta' dan il-mandat *ai termini* tal-**Artikolu 836 tal-Kap 12, fosthom skont is-subArtikoli (l)(a)(b)(d)(f)**, u dan *stante* li:

a. Il-konjugi Camilleri wrew dizinteress komplet fl-istess mandat ta' inibizzjoni fejn ma nnotifikawx lill-esponent skont l-Artikolu 875(1) tal-Kap 12 u ma ottemprawx mad-digrieti ta' din l-Onorabbli Qorti, tant li l-mandat gie differit *sine die* u gie dikjarat dezert.

b. L-esponent qatt ma gie notifikat b'dan il-mandat skont dak mitlub mill-Artikolu 875(1) tal-Kap 12, u minkejja wkoll is-solecitazzjonijiet ta' din il-Qorti.

c. Il-mandat huwa nieqes minn rekwizit essenzjali u cioe` jonqos milli jindika s-somma tal-kreditu jew pretension tal-konjugi Camilleri, u dan kif mitlub mill-Artikolu 832 tal-Kap 12.

d. Il-konjugi Camilleri ma ppruvawx ir-rekwiziti tal-ligi tal-Artikolu 873(2) tal-Kap 12 u cioe` li l-mandat huwa necessarju u li l-konjugi Camilleri ghandhom dritt *prima facie* kontra l-esponent, fejn lanqas biss ipprezentaw prova wahda fl-atti ta' dan il-mandat, wisq anqas kopja tar-rikors guramentat li ghamlu referenza ghaliha fil-mandat u li kopja taghha intalbet minn din il-Qorti.

e. Il-mandat ma giex dekretat definittivament *entro* t-terminu perentorju tal-Artikolu 875(3) tal-Kap 12.

f. L-esponent ghadu inibit minghajr ebda raguni valida abbazi ta' digriet provvizjorju li ghandu biss jinhareg "ghal zmien qasir" skont l-Artikolu 875(2) tal-Kap 12.

9. Illi ghalhekk minkejja r-ragunijiet kollha suesposti fosthom id-dizinteress totali tal-konjugi Camilleri f' dan il-mandat li wasslu ghad-dezerzjoni ta' dan il-mandat, l-esponent recentement sar jaf li ghad hemm registrat fil-konfront tieghu d-digriet provizorju ta' din il-Qorti tat-8 ta' Awwissu 2013, liema digriet provizorju jinghata biss "ghal zmien qasir" skont l-Artikolu 875(2) u sakemm jigi dekretat definittivament ir-rikors.

10. Illi ghalhekk l-esponent qieghed jigi ferm pregudikat minhabba d-digriet provizorju tat-8 ta' Awwissu 2013, u dan meta ghar-ragunijiet kollha suesposti l-esponent ma ghandux jkun hekk inibit.

11. Illi ghalhekk qieghed isir dan ir-rikors skont l-Artikolu 836 tal-Kap 12 sabiex l-esponent jitlob li dan il-mandat ta' inibizzjoni provizorju jigi revokat ghal kollox, fejn l-esponent huwa wkoll fl-umli fehma li ghandu jigu applikat il-penali skont l-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 fil-konfront tal-konjugi Camilleri, *inter alia* minhabba li t-talba tal-konjugi Camilleri kienet wahda malizzjuza, frivola u vessatorja fejn ma wrew interess ta' xejn f'dan il-mandat.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tirrevoka dan il-mandat ta' inibizzjoni numru 1185/2013 fl-ismijiet "Alfred Camilleri et vs Francis Borg" *in toto* u dan *ai termini* tal-Artikolu 836 tal-Kap 12, u dan dejjem taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti thoss li huma xierqa u idoneji fic-cirkostanzi inkluz li din il-Qorti tapplika l-penali skont l-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 kontra l-konjugi Camilleri u a favur l-esponent.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghad-danni inkluzi taht l-Artikolu 836(9) tal-Kap 12.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-18 ta' Ottubru 2016.

Rat ir-risposta tal-intimati Alfred Camilleri et datata 7 ta' Ottubru 2016 (fol 14) fejn espona:

1. Illi essenzjalment I-esponenti jaqblu mal-fatti kif esposti fir-rikors promotur tas-Sur Borg, intimat fl-atti tal-mandat impunjat u rikorrent fl-atti odjerni; fejn ma jaqblux huwa dwar l-effetti legali ta' I-istess fatti;

2. Illi dwar il-fatti, ir-ragunijiet li wasslu biex il-mandat impunjat baqa' qatt ma gie notiflkat lill-intimat huma tlieta: fl-ewwel lok il-fatt illi s-Sur Borg, residenti fl-istess fond li dwaru sar il-mandat, gar ta' l-esponenti, irnexxielu konsistentement u intenzjonalment jahrab min-notifika, kif ghadu jaghmel regolarment sa llum; fit-tieni lok il-fatt illi proprju dak iz-zmien beda l-kalvarju ta' l-esponenti li jinsab imsemmi fir-rikors kontestwali; u fit-tielet lok, il-fatt illi proprju dak iz-zmien l-avukat sottoskritt waqa' minn gholi ta' kwazi tliet sulari u ndarab fis-sinsla ta' dahru u spicca rikoverat u sottopost ghal diversi interventi kirurgici; dak iz-zmien, il-kollega Dr Maxilene Pace ippruvat tghin lill-esponenti u lill-avukat sottoskritt kemm setghet, imma f' sitwazzjoni fejn tilfet kull kuntatt ma' l-esponenti u fejn l-avukat sottoskritt kien regolarment inaccessibbli, kien hemm limiti kbar safejn setghet tasal Dr Pace; madanakollu, il-kawza fil-mertu kienet infethet (fil-fatt kienet infethet qabel il-prezentata tal-mandat impunjat) u qed

tinstema' regolarment quddiem din l-istess Onorabbli Qorti kif presjeduta;

3. Illi meta l-avukat sottoskritt hareg mill-isptar u kien f' posizzjoni li jerga' jiehu r-riedni tal-kaz f' idejh u rega' stabbilixxa l-kuntatt ma' l-esponenti, huwa sab ma' wiccu d-dikjarazzjoni tar-Registratur, u cioe` l-i*sticker* migjub f' Dok D, fis-sens illi l-mandat mar dezert, bid-data tal-1 ta' April 2014, b'referenza ghall-Art. 964 tal-Kap.12;

4. Illi l-esponenti ma jaqblux li l-mandat fl-ismijiet premessi huwa soggett ghad-dezerzjoni, u dan billi l-Art. 964 Kap.12 jirreferi biss ghal "kawzi", u mhux ghal rikorsi *ad hoc.* Il-Kap.12 jiddeferixxi car x'inhuma kawzi u kif jinstemghu; talba li tista' tigi deciza b'digriet kamerali u dan anke minghajr smigh zgur li ma tinkwadrax fil-parametri tad-definizzjoni ta' "kawza";

5. Illi dan kollu premess, ghandna sitwazzjoni llum fejn, jekk wiehed kellu jqis illi t-talba ghall-hrug tal-mandat kienet, kif isostni r-Registratur, "kawza" li marret dezerta, allura l-esponenti la setghu jipprocedu bil-procedura tan-notifika, u lanqas ma setghu jcedu t-talba taghhom, billi "kawza" dezerta ma tistax tigi ceduta; isegwi ukoll illi jekk it-talba kienet "kawza" li marret dezerta, allura d-digriet provvizorju spicca, kif jispicca kull digriet provvizorju moghti fl-atti ta' kawza li tmur dezerta. Jekk mill-banda l-ohra ma tissussistix id-dezerzjoni, allura kienet zbaljata d-dikjarazzjoni tar-Registratur u t-talba ghadha trid tkompli tinstema' u tigi deciza, u t-terminu ta' 30 gurnata jibda jiddekorri biss minn dakinhar tan-notifika (ara Art.875(3)). Ghalhekk huwa kontrosens kwantu qed isosti r-rikorrent fis-

sens illi l-mandat mar dezert imma fl-istess hin ghadu vigenti u hemm il-htiega ta' ordni ta' revoka;

6. Illi minhabba l-ambigwita li holqot id-dikjarazzjoni tar-Registratur, sija dwar jekk l-esponenti ghandhomx jissuktaw bil-proceduri tan-notifika, u sija dwar jekk id-digriet provvizorju baqax fis-sehh, l-esponenti ddecidew li, minflok jimpunjaw id-decizjoni tar-Registratur, jintavolaw talba ghall-hrug ta' mandat gdid, liema mandat jinsab pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta (Rik. Nru 1402/16 AF);

7. Illi *in vista* tal-mandat il-gdid intavolat, identiku ghal dak odjern, li din id-darba gie notifikat u kkontestat, l-esponenti ma ghadx ghandhom interess fil-mandat odjern u m’ghandhomx oggezzjoni, jekk mhuwiex dezert, li jirtirawh; u dan anke *in vista* tal-fatt illi t-terminu tat-tletin gurnata fil-mandat 1402/16AF skatta b'effett mid-data tan-notifika u ghalhekk zgur li ser jigi deciz finalment qabel ma l-mandat odjern qatt jista' jigi notifikat, jinstema' u jigi deciz;

8. Illi mill-banda l-ohra, l-esponenti ma jarawx kif jistghu jigu kkundannati ghall-hlas tal-penali kkomminata mill-Art.836(8) Kap.12, u dan billi ma tissussisti l-ebda wahda mic-cirkostanzi previsti mis-subincizi (a) sa (d) ta' l-Art. 836(8); inoltre, jigi sottomess illi s-Sur Borg, billi qatt ma gie notifikat, qatt ma kien marbut bl-ordni provvizorja moghtija minn din l-Onorabbli Qorti f’ dawn il-proceduri u ghalhekk qatt ma seta' jbati pregudizzju.

Salvi eccezzjonijiet u sottomissjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 18 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Mark Attard Montalto u Dr Douglas Aquilina ghar-rikorrent ezekutat Francis Borg, prezenti fl-Awla. Deher Dr Joseph Arrigo ghall-intimat ezekutant prezenti fl-Awla. Id-difensuri prezenti nfurmaw lil Qorti li hemm kawza pendenti quddiem din il-Qorti, li nfethet qabel ma gie prezentat il-mandat in mertu. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti ordnat l-Allegazzjoni tal-Mandat Nru 1185/2013. Dr Aquilina prezenta nota b'kopja ta' mandat identiku li sar wara l-mandat in mertu u wara r-rikors odjern fl-istess ismijiet. Ir-rikors gie differit ghal digriet ghall-10 ta' Novembru 2016 fid-9:30a.m. Fil-mori l-partijiet jistghu jipprezentaw nota ta' referenzi fi zmien sebat ijiem minn dan id-digriet in sostenn tat-tezi taghhom, bin-notifika jew *visto* tad-difensur tal-kontro-parti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan hu rikors ghar-revoka ta' Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1185/2013 li nhareg mill-intimati Alfred u Consolata Camilleri biex jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom konta r-rikorrent odjern Francis Borg.

Ikkunsidrat li r-rikorrent qed jitlob it-thassir fis-shih tal-mandat ta' Inibizzjoni premess billi ssottometta li l-konjugi Camilleri wrew dizinteress komplet fl-istat tal-mandat ta' Inibizzjoni, l-istess mandat ma giex notifikat lill-Francis Borg kif provdut *ai termini* tal-**Artikolu 875(1) tal-Kap 12.** Inoltre`, r-rikorrent sostna li l-konjugi Camilleri ma

ppruvawx ir-rekwiziti tal-ligi li l-mandat hu necessarju u li ghandhom dritt *prima facie* billi lanqas biss ipprezentaw provi, li wassal ghall-fatt li l-mandat ma giex degretat finalment *entro* t-terminu stabbilit fl-Artikolu 875(3) tal-Kap 12. Illi minkejja l-fatturi msemmija u minkejja li l-mandat spicca dezert, ghad hemm registrat id-digriet provizorju fil-konfront tar-rikorrent Borg abbazi ta' digriet provvizorju. Konsegwentement, qed jintalab ir-revoka ta' dan il-mandat u ntalab ukoll il-kundanna tal-konjugi Camilleri li pprezentaw il-mandat ghal penali fit-termini tal-**Artikolu 836 (8) tal-Kap 12.**

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Ilr-rikorrent jippremetti li dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**Artikolu 836 (1) (a), (b), (d), u (f) tal-Kap 12** li jipprovdi:

*"836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatroju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(a) li l-att kawtelatorju ma ghadux aktar fis-sehh;*

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti,*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**).

Illi ghandu jinghad ukoll li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: ***"Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine e***t"). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sotantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina jekk japplikawx il-kriterji tal-Artikolu 836 ghall-kaz in ezami.

**Ikkonsidrat** li r-rikorrent ezekutant iccita l-Artikolu 836(1)(a)(b)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta in sostenn tat-tezi tieghu.

Ikkonsidrat li ma hemmx dubbju u lanqas kontestazzjoni li l-intimati Camilleri, wara li pprezentaw ir-rikors ghall-hrug tal-mandat, u wara li ottjenew digriet li laqa' l-mandat provizorjament, naqqsu milli jsegwu l-proceduri u jottemperaw ruhhom mad-digrieti tan-notifika u eventwalment il-Qorti, wara diversi seduti fejn ma sar xejn, iddiferiet ir-rikors *sine die.*

Sussegwentement, wara l-iskadenza ta' sitt xhur, it-terminu stabbilit **fl-Artikolu 964 tal-Kap 12**, gie determinat mir-Registru tal-Qorti li r-rikors mar dezert. Digriet ta' Qorti f'dan is-sens ma jezistix.

Illi minkejja dan kollu l-mandat baqa' jkollu l-effetti tieghu kontra d-debitur ezekutat.

Ikkonsidrat li :

(i) Skont **l-Artikolu 875(2) tal-Kap 12**, il-Qorti tista' għall-ewwel toħroġ proviżorjament mandat "*għal żmien qasir*" taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha li jkun jehtieg skont il-kaz u sussegwentement tipprovdi definittivament.

ii) Skont l-**Artikolu 963 (6) tal-kap 12** "*Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell,*

*bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat."*

Illi jirrizulta li l-mandat ghadu ma giex dekretat definittivament. Ghaldaqstant ghalkemm il-mandat gie milqugh provizorjament, lanqas biss gie trattat u dibattut sabiex jigi ppruvat il-jedd *prima facie* li hu l-element mehtieg ghall-hrug definittiv ta' mandat fit-termini tal-**Artikolu 874 tal-Kap 12.**

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-Artikolu 836 japplika ghall-kaz odjern billi ma jiddistingwix bejn mandat milqugh provisorjament pendenti konferma jew mandat degretat definitivament .

**L-artikolu 836(1)(a) tal-Kap.12.**

Dan is-subartikolu jitratta kazijiet fejn l-att kawtelatorju, li tieghu tkun qed tintalab ir-revoka, m'ghadux aktar fis-sehh. Hu imperattiv f'kazijiet fejn qed tintalab ir-revoka ta' Mandat *in toto* jew *in parte*, li min qed jitlob ir-revoka jsostni t-talba tieghu billi jgib il-provi.

F'dan il-kuntest, il-provi migjuba mir-rikorrent dwar din id-dispozizzjoni, huma **Dok B** (fol 6) (fejn gie milqugh il-Mandat ta' Inibizzjoni provizorjament permezz ta' digriet datat 8 ta' Awwissu 2013). Relevanti hafna ghall-kaz in ezami huwa **Dok C** (fol 7) il-verbal datat 30 ta' Settembru 2013, li jaccenna dak sostnut fir-rikors promotur, dwar in-nuqqas ta' notifika li kellha ssir u n-nuqqas ta' interess da parti tal-ezekutant, u b'hekk il-kawza thalliet *sine die*. Permezz ta' **Dok D** (fol 8) gie ppruvat li l-mandat ta' Inibizzjoni gie dikjarat dezert.  Madankollu, ma giex ippruvat bl-ebda mod, li l-att kawtelatorju, u cjoe` l-Mandat

ta' Inibizzjoni m'ghadux aktar fis-sehh. Kuntrarjament, gie dikjarat fis-sitt premessa tar-rikors odjern, li Borg ghadhom inibiti minghajr raguni valida abbazi ta' digriet provvizorju sont l-Artikolu 875(2) tal-Kap 12, li jfisser li l-Mandat ta' Inibizzjoni ghadu *in vigore*.

Da parti taghhom, l-intimati opponew billi rritenew li l-Artikolu 964 tal-Kap 12, dwar id-dezerzjoni jirreferi ghal "kawzi" u mhux ghal rikorsi "ad hoc."

Illi din il-Qorti taqbel li **l-Artikolu 964 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** japplika ghall-kawzi u mhux ghall-mandati. Dan johrog car minn semplici qari tal-**Artikolu 964** flimkien mal-**Artikolu 963 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jiddisponi li fil-Qorti tal-ewwel grad it-terminu jibda ghaddej *mill-prezentata tar-rikors guramentat.*

Illi ghalhekk, id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-8 ta' Awwissu 2013 fejn laqghat it-talba provizorjament jista' jitqies li ghadu vigenti billi ghadu ma giex revokat b'digriet iehor ta' Qorti kompetenti. Jigi nnotat li skont dak id-digriet il-Qorti ordnat li r-rikors hu riappuntabbli "*biss fuq rikors tar-rikorrent li fih jispega x'passi ha sabiex jigu rettifikati n-nuqqasijiet fuq elenkati.*" (enfasi ta' din il-Qorti).

F'kull kaz, mhuwiex ikkontestat mill-partijiet, li sussegwentement ghall-Mandat ta' Inibizzjoni gie ntavolat Mandat ta' Inibizzjoni iehor, identiku ghal dak bin-numru 1185/2013, izda din id-darba bin-numru 1402/16 AF esebit mir-rikorrenti fl-atti a fol 17 sa 20. Dan l-ahhar mandat gie pprezentat proprju ghaliex ma kien hemm l-ebda digriet finali fir-rigward tal-mandat precedenti, ossia l-Mandat in kwistjoni, bin-numru 1185/2013.

Fil-vertenza odjerna, l-intimati stess issottomettew, li dak sostnut mir-rikorrenti f'dan il-kaz dwar il-mandat li mar dezert izda fl-istess hin ghadu vigenti huwa ferm kontradittorju u ssottlineaw li m'ghadx ghandhom interess fil-mandat odjern, peress li diga skatta t-terminu fil-Mandat numru 1402/16 AF, u ser jigi deciz finalment.

Illi l-intimati sostnew li introducew talba ghall-hrug tat-tieni mandat billi gew rinfaccjati bid-"dezerzjoni*".* Fil-verita' dan mhuwiex ir-rizultat ta' digriet tal-Qorti li, *invece*, halliet ir-rikors *sine die* appuntabbli fuq rikors tar-rikorrent f'dawk il-proceduri, imma jirrizulta minn *sticker* imwahhal fuq il-*folder* tal-atti tal-Mandat. Hemm firma fuq l-*isticker* li din il-Qorti tippresumi hija ta' deputat jew rapprezentant tar-Registratur.

Illi f'dan il-kaz l-intimati ghamlu talba *ex novo* ghall-hrug ta' mandat identiku ghal dak in ezami. Johrog car minn qari tad-disposizzjoni tal-Artikolu 875 li l-procedura ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandha tigi terminata b'heffa u speditezza u certament pendenza ghal izjed minn sentejn hija lesiva ghal din id-disposizzjoni. Din il-Qorti tikkonsidra li jinkombi fuq il-kreditur ezekutant li jaghmel dak kollu ragonevolment mehtieg biex jikkonkludi dak li beda. Fil-kaz odjern dan ma sarx.

Ghaldaqstant jirrizulta li thalla f'limbu guridiku tul dawn is-snin ghalkemm l-effetti tieghu baqghu jinhassu mill-ezekutat. Huwa minnu wkoll li l-konjugi Camilleri mhux biss urew nuqqas ta' interess fil-proceduri taghhom, imma sahansitra abbandunawhom. Dan billi kellhom bejn sitt xhur biex jinnotifikaw lill-Borg izda baqghu ma ghamlu xejn. Ghalhekk il-Qorti halliet ir-rikors ghall-mandat *sine die.*

***10 ta' Novembru 2016.***

Madanakollu ma jistax jinghad li l-mandat m'ghadux fis-sehh ghaliex din il-Qorti ma tistax taghti effett legali lill-dikjarazzjoni tar-registratur li huwa dezert.

Ghalhekk ma **ssibx li l-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12** japplika ghall-kaz odjern.

**Artikolu 836(1)(b)**

Illi l-kawzali mahsuba fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 836(1) trid li mandat ikun inhareg sewwa, u f'xi waqt tkun intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-sehh." [1] Fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-mandat ma jharisx jew ma baqax ihares ir-rekwiziti procedurali ghall-hrug tieghu u ghalhekk dan is-subartikolu ma japplikax fil-kaz odjern.

**L-Artikolu 836(1)(d)**

Fil-kawza **"Casino-For-Me limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L.) 5 ta' Settembru 2008 inghad li bid-disposizzjoni **tal-Artikolu 836 (1)(d)** dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa t'ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("fumus juris"). Persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

[1] Ara **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart** – P.A. (JRM) deciza fid-29 ta' Lulju 2005.

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun esagerat fid-dawl tat-talba li ssir (**Salvino Farrugia vs Exalco Holdings Ltd**, P.A. (GV) – 6 ta' Dicembru 1999) jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat. Dan l-istess principju gie ribadit fil-kaz **Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea**, P.A. deciza fid-29 ta' Lulju 2005 fejn inghad:

*"L-artikolu 836 (1)(d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk l-ammont mitlub mhuwiex prima facie gustifikat jew hu eccessiv. Dan ifisser li l-Qorti trid tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa ta' ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (fumus juris), u fit-tieni lok, jekk wasalx biex jillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'legerrezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. "*

Fil-kaz in ezami, li hu kkontestat hu n-nuqqas tar-rekwizit essenzjali u cjoe` in-nuqqas ta' indikazzjoni ta' somma ta' kreditu jew pretensjoni. Dan fih innifsu ma jrendix il-mandat irritwali jew soggett ghar-revoka taht dan is-subartikolu li ghalhekk mhuwiex applikabbli.

**L-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12.**

Illi l-ahhar subinciz iccitat mir-rikorrent l-**Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**.

Illi din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartiklu u rriteniet: "*illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, **wara l-hrug ta' mandat**, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhbba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh.* (Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. Vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** – P.A. (GC) 3 ta' Awwissu 2001*). Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."*

Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab initio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta hekk kif spjegat aktar qabel taht id-dispozizzjoni tas-subartikolu (a) tal-istess artikolu li kien hemm tibdil jew zviluppi mid-data tal-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1185/2013. Illi ghar-ragunijiet spjegati mill-avukat difensur tal-intimati stess (fol 13), dan il-mandat ta' Inibizzjoni succitat spicca dezert. In segwitu, gie pprezentat Mandat ta' Inibizzjoni identiku bin-numru 1402/2016 AF. Ghaldaqstant, hekk kif ritenut fl-eccezzjonijiet tal-intimat stess, li ssottomettew li huma m'ghandhomx aktar interess fil-mandat odjern, stante l-prezentata ta' Mandat ta' Inibizzjoni, 1402/2016 AF li din id-darba gie notifikat hekk kif tesigi l-ligi.

Ghalhekk, fil-vertenza odjerna, jirrizulta li kien hemm xi tibdil f'dawn il-htigijiet li jista' jwassal ghar-revoka tal-mandat abbazi ta' dan l-artikolu. *In vista* ta-suespost, tezisti raguni validi li tista' twaqqaf il-mandat ta' inibizzjoni numru 1185/2013, li rrizulta li qatt ma kien degretat finalment. Inoltre bil-prezentata ta' Mandat ta' Inibizzjoni identiku bin-numru 1402/2016 AF, m'ghadhomx jissussistu l-kondizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjern.

**Illi ghalhekk, il-Qorti ser tilqa' t-talba ghal revoka tal-mandat billi jezistu l-estremi rikjesti ghall-applikazzjoni tal-artikolu 836(1) (f).**

Illi saret talba wkoll sabiex il-konjugi Camilleri li pprezentaw il-Mandat ta' Inibizzjoni jigu kkundannati jhallsu penali abbazi tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12.

L-**Artikolu 836 (8) tal-Kap 12** jipprovdi:

*"Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz elenkat fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu imsemmi."*

Il-qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minabarra li tali imposizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-soddisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-

cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (ara **"Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd**." –P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd"** – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi. Il-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Illi fil-kaz **"Paul Attard noe. vs Loreto Abela"** – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, inghad hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*Illi generalment l-abbuz mill-procedura guddizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-*

*pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-Artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

F'dan il-kuntest, in linea ta' principju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja. (Ara **Spiteri vs Camilleri** P.A. deciza fl-10 ta' Jannar 1992, u **John Zarb vs Port Cottonera Limited** P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002).

Apparti dak li gie rilevat *ante* ghal dak li jirrigwarda s-subinciz (a) ma jirrizultax lanqas minimament li ma saritx kawza fiz-zmien mhux kif stabbilit fil-ligi. L-ilment principali tar-rikorrent f'dan il-kaz kien dwar in-nuqqas ta' notifika u n-nuqqas ta' interess da parti tal-intimati. Illi ghalhekk, il-lanjanza tar-rikorrenti ma tinkwadrax fil-parametri ta' dan is-subinciz.

Ikkonsidrat li r-rikorrent odjern lanqas ma ressaq provi biex jiggustifika l-applikazzjoni tas-**sub-artikoli (b) u (c)** tal-istess Artikolu.

Referibbilment ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu **836 (8) (d)** ma gietx ippruvata xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta` fil-hrug ta' Mandat in ezami.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jidhirx li jezistu ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati **fl-Artikolu 836(8)** li jiggustifikaw l-impozizzjoni ta' penali.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti billi thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Inibzzjoni numru 1185/2013 fl-ismijiet **Alfred Camilleri et vs Francis Borg** kif spjegat abbazi tal-Artikolu 836(1) (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Novembru 2016**